MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2013

Numru. 155/2012

**Il-Pulizija**
**Spettur Robert Vella**

**vs**

**Carmelo Galea**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Carmelo Galea ta’ 48 sena, bin Joseph u Carmela xebba Gauci imwieled fit-30 ta’ Ottubru 1962 il-Pieta’ u residenti 9, Sunflower, Triq San Piju, Mgarr, Malta u detentur tal-karta tal-identita’ numru 658962(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Nhar il-25 ta’ Lulju 2011 ghall-habta ta’ 11:20Hrs gewwa Triq San Pawl Rabat Malta :

1. Ingurja u/jew hedded bi kliem lil Paul Borg persuna nkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku waqt li kien ghamel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzgha jew li jinfluwixxi fuqu kontra il-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz Kap.9 Art 95(1)

2. Naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Gwardjan Lokali G418 bhala Ufficjal Pubbliku waqt li kien qed jaqdi d-doveri tieghu, jew ma halliex jew fixklu jew indahal lil imsemmi ufficjal waqt il-qadi ta’ dmirijietu Kap 9 Art 338 (ee)

3. Fl-istess data, hin u lok attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra il-Gwardjan Lokali G418 persuna nkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kien qed jagixxi ghal ezekuzzjoni tal-Ligi jew ta’ Ordni moghti skond il-Ligi minn awtorita’ kompetenti Kap 9 Sec 96.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 31 ta’ Mejju 2012 (esebit a folio 14 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jinstemghu u jigu decizi bi procedura sommarja.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tas-27 ta’ Settembru 2012 ta l-kunsens tieghu sabiex il-kaz tieghu jinstema’ bi procedura sommarja u jigi deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta’ dan il-kaz, huma fil-qosor, dawn li gejjin. Fil-25 ta’ Lulju 2011 ghall-habta tal-hdax u ghoxrin (11:20) ta’

filghodu gewwa Triq San Pawl fir-Rabat (Malta), il-Gwardjan Lokali Paul Borg (G 418) kien qieghed jaghti ticket minhabba li vettura ma kinitx qieghda pparkjata kif suppost. Din il-vettura kellha n-numru ta’ registrazzjoni EBP 659 u kienet propjeta’ tal-imputat Carmelo Galea. Illi l-istess Paul Borg meta xehed f’dawn il-proceduri qal li kif harrek lil Carmelo Galea minhabba li kien ipparkjat hazin dan gie hdejh u beda joffendih. L-imputat qallu li kien sejjer isibu fuq din u c-cifra tac-citazzjoni u li jrid jiblaghhom medicini. Meta l-warden ipprova johrog minn gewwa l-parking area, l-imputat beda jigri warajh u jheddu u saqlu l-vann sabiex imblukkalu t-triq u ma setax johrog. Huwa rriversja u rega' darlu u sakkru billi pogga l-vettura quddiem l-entratura tal-parking. Kif il-warden mar sabiex johrog minn fuq il-bankina minhabba li ma kellux triq ohra minn fejn, jghaddi l-imputat qabad u saq l'hemm. Paul Borg qal li huwa mar jaghmel rapport l-Ghassa dwar dak li kien gralu. Huwa zied jghid li Carmelo Galea ghalaq l-access ta’ vettura, bejn vettura u reserved parking ta’ mutur. Huwa qal li Carmelo Galea rriversja l-vann imbghad imblokkalu t-triq sabiex ma jkunx jista' jghaddi u rega' nizel ghalih. Minhabba f'hekk kellu jghaddi minn fuq il-bankina. Huwa zied jghid li Carmelo Galea beda joffendih u ghalkemm prova jikkalmah u jispjegalu li ghandu dritt jikkontesta c-citazzjoni li tah dan xorta baqa' joffendih u jghidlu li sejjer isibu u joffendih bil-mejtin eccetera.

Min-naha tieghu l-imputat ghazel li jixhed f’dawn il-proceduri u ta verzjoni differenti minn dik moghtija minn Paul Borg. Huwa qal li meta ra lil warden jaghtih ticket mar ikellmu sabiex jghidlu li kien ser jitlaq izda sostna li Paul Borg qallu li jekk ma kienx ser jitlaq l’hemm kien ser jaghtih ticket iehor. L-imputat jghid li resaq lejh u kif ra hekk il-warden telaq jigri l’hemm ghax haseb li kien se jahbat ghalih. L-imputat jghid li huwa rikeb fil-karozza tieghu u telaq l’hemm. F’xi hin baghat ghalih l-Ispettur u spjegalu x’gara u kif il-warden tah zewgt citazzjonijiet huwa mar ihallashom. Huwa zied jghid li ma kienx minnu li kien ghalaqlu t-triq kif qal il-warden. Huwa qal li kien ipparkjat gewwa ma’ gemb karozzi ohra. Huwa qal li minhabba kif kien ipparkjat kellu jaghmel manuvra u cioe’

li jmur b'lura u jmur il' quddiem. Huwa qal li ma jafx li ghalaqlu t-triq kif qieghed jghid u mhux minnu li kien sakkar xi karozzi meta kien qieghed fil-parking area. L-imputat qal li meta mar sabiex ikellem lill-warden huwa hadu bil-herra izda hu ma qallu xejn. Meta mistoqsi jekk fil-fatt offendiehx jew le qal li ma jiftakarx. Huwa qal li mhux minnu li l-warden tela' fuq il-bankina kif qal u ma kienx minnu li ghalaqlu l-access.

Ikkunsidrat

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex persuna tinstab hatja, l-akkuza dedotta, ghandha tigi pruvata oltre kull dubju dettat mir-raguni. Issir referenza ghas-Sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa ta' Dicembru, 1997*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer**, fejn dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz ***Miller v Minister of Pension*** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker (*Qorti tal- Appell Kriminali-deciza fid-dsatax ta' Mejju, 1997)*** gie ritenut illi:

*"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Il-Qorti taghmel referenza ghas-Sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-disgha ta' Settembru 2002*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn gie spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti. Jistghu jigru zewg affarijiet u cioe jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk dan ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-versjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor.

Ghalhekk fil-kaz odjern din il-Qorti trid tifli dak li qalu x-xhieda sabiex tasal ghal sejbien ta' htija jew le tal-imputat. Il-Qorti tinsab rinfaccjata b'zewg verzjonijiet pjuttost konfliggenti dwar dak li gara, u cioe' min-naha l-wahda l-verzjoni moghtija minn Paul Borg u min-naha l-ohra l-verzjoni moghtija mill-imputat. Illi ghalkemm f'din il-kawza xehed ukoll PS 1051 Brian Cremona li qal li l-imputat kien ammetta mieghu fuq dak li kien gara, din il-Qorti qeghda tinjora dak li qal PS 1051 Brian Cremona minhabba l-fatt li jidher b'mod car li l-imputat ma nghatax id-dritt li jikkonsulta mal-avukat tieghu u lanqas ma ngiebet prova li fil-fatt inghata d-dritt li ma jwiegebx ghall-ebda domanda. Ghalhekk din il-Qorti trid timxi fuq z-zewg verzjonijiet konfliggenti moghtija mill-Gwardjan Lokali Paul Borg u dik tal-imputat sabiex tasal ghal decizjoni dwar sejbien ta' htija o meno tal-imputat.

Ikkunsidrat

L-Artikolu 95(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Illi minn dak li qal l-istess Gwardjan Lokali Paul Borg fil-mument li kien diga ta c-citazzjoni lill-imputat dan gie fuqu u staqsieh ghalfejn kien tah it-ticket. Fil-mument li l-Gwardjan Lokali kien qieghed jispjegalu li jekk irid jista' jikkontesta l-ghoti tac-citazzjoni fit-Tribunal kompetenti l-imputat beda jkellmu hazin u jheddu tant li l-Gwardjan Lokali beda jibza' minnu minhabba li f'mument minnhom l-imputat mar ghalih bil-ponn u huwa kellu jitlaq minn hemm. Il-Gwardjan Lokali rriskontra diffikolta anki sabiex jitlaq minn fuq il-post minhabba li l-imputat beda jaghlaq l-access bil-vettura tieghu halli l-Gwardjan Lokali ma jkunx jista' johrog minn gewwa l-parking area tant li sabiex hareg minn gewwa l-parkegg Paul Borg kellu jsuq minn fuq il-bankina. Min-naha tieghu l-imputat ta verzjoni xejn kredibbli. Din il-Qorti ssibha difficli li temmen li huwa mar sabiex ikellem lil Gwardjan Lokali bil-kelma t-tajba. Fl-istess xhieda tieghu l-imputat qal li l-Gwardjan Lokali harab l'hemm ghaliex haseb li kien se jahbat ghalih. Il-Qorti jidrilha li, li kieku huwa kien qieghed ikellmu bil-kelma t-tajba kien ikun difficli li l-Gwardjan Lokali jahseb jew jiehu l-impressjoni li l-imputat kien ser jahbat ghalih. Din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju dwar il-kredibilita' tal-verzjoni tal-fatti moghtija mill-Gwardjan Lokali Paul Borg fejn dan qal li l-komportament u l-agir tal-imputat gieghlu jahseb li ser jaqla' xebgha u huwa ghalhekk ghamel minn kollox sabiex jahrab minn fuq il-post. Din il-Qorti ghalhekk jidrilha li l-ewwel imputazzjoni tirrizulta pruvata sal-grad rikjest mil-ligi u l-imputat ser jinstab hati taghha.

L-artikolu 338 (ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Illi dawn il-proceduri inbdew quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta fejn l-istess Qorti ma komplitx tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz minhabba li l-imputazzjonijiet kienu jezorbitaw il-kompetenza taghha kif komposta. Illi pero' jidher a fol 5 tal-process illi kien sar tentattiv biex jitharrek l-imputat izda dan ma nstabx. Kien biss fil-21 ta' Jannar 2012 li l-imputat gie notifikat bic-

citazzjoni u bl-affidavit. Illi stante li t-tieni mputazzjoni hija ta' natura kontravenzjonali u ghalhekk ghandha preskrizzjoni ta' tlett xhur, u l-fatti li taw lok ghall-kaz odjern graw fil-25 ta' Lulju 2011, l-azzjoni in kwantu jirrigwarda t-tieni mputazzjoni hija preskritta ai termini tal-Artikolu 688(f) tal-Kodici Kriminali.

<u>L-artikolu 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta</u>

Illi mix-xiehda li ta l-istess Gwardjan Lokali Paul Borg ma jirrizultax li l-imputat Carmelo Galea attakkah jew uza xi resistenza bi vjolenza jew li hebb ghalih. Ic-cirkostanzi kienu li huwa beda jheddu bil-kliem u offendih izda f'ebda mument Paul Borg ma qal li l-imputat kien missu. Il-Qorti ghalhekk jidrilha li ma tirrizultax reita' in kwantu jirrigwarda t-tielet imputazzjoni.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 95(1) u 31 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel(1) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah multa ta' tlett mitt Ewro (€300). Wara li rat l-Artikolu 688(f) tal-Kodici Kriminali l-Qorti tiddikjara l-azzjoni ndikata fit-tieni(2) mputazzjoni bhala preskritta u konsegwentement estinta. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tat-tielet(3) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imptutazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------